MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2282/2002

**Dingli Co. International Ltd**

**Vs**

**Lucio Fenech**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm 35.59c (hamsa u tlettin lira Maltin u disgha u hamsin centezmi) kwantu ghal Lm30.95c Royalty dovuta bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja Nru. 010848 (Dok. “A”) rilaxxjata mis-socjeta’ attrici a favur tal-kovenut rigwardanti l-istabbiliment “l-Arkati Bar” Sta. Venera u Lm4.64c Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghall-perjodu mis- 6 ta’ April 2002 sal- 5 ta’ April, 2003.

Is-socjeta’ attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-

Avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tat- 30 ta’ Gunju, 2002 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa kontumaci ;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjes u l-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**